MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MFSA

## FXNobels - https://www.fxnobels.io/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") tixtieq tavża lill-pubbliku dwar entità li topera bl-isem ta' **FXNobels**, u li għandha preżenza fuq is-sit elettroniku https://www.fxnobels.io/. Għalkemm din l-entità tindika li qed topera minn indirizz f'Malta, l-MFSA tikkonferma li dan mhux il-każ. Minn informazzjoni disponibbli għand l-MFSA, **FXNobels** tiddefinixxi lilha nfisha bħala *forex brokerage* li tippermetti lill-konsumaturi li jbiegħu u jixtru forex, CFDSs, stocks u muniti virtwali fuq l-internet.

L-MFSA tixtieq tavza lill-pubbliku f'Malta u barra minn Malta li **FXNobels MHIX** liċenzjata u **LANQAS** awtorizzata b'xi mod ieħor mill-MFSA biex tipprovdi xi servizzi ta' investimenti finanzjarji li għalihom hi meħtieġa liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra taħt il-liġi Maltija. Aktar minn hekk, informazzjoni disponibbli għand l-MFSA tindika li https://www.fxnobels.io/ aktarx li hi skema ta' natura dubjuża b'riskju għoli ta' telf ta' flus. Għaldaqstant, konsumaturi tas-servizzi finanzjarji m'għandhomx jidħlu f'negozju jew tranżazzjonijiet mal-entità msemmija hawn fuq.

L-MFSA tappella lill-investituri u konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex qabel ma jagħmlu kwanlunkwe investiment jew jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji jaċċertaw lilhom infushom li l-entità, li magħha qed isir l-investiment jew it-transazzjoni, hija awtorizzata li tipprovdi dawk is-servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji kif applikabbli.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill- Awtorità hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**Awtorità għas-Servizzi Finanzjari ta' Malta**
**Twissija MFSA: 01-2019**
**17 ta' Jannar 2019**